MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-6 ta' Awwissu, 2013

Numru. 1205/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Arthur Mercieca**
**Spettur Carlos Cordina**

**VS**

**Joseph Zahra, iben Joseph u Anne nee' Cutajar, imwieled Birzebbuga nhar is-6 ta' April, 1953, residenti House 2, Block 5, Triq Hal Far, Zurrieq, detentur tal-karta tal-identita' numru 293553M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Joseph Zahra** li gie akkuzat talli:

1. Nhar l-14 ta' Novembru, 2009 ghall-habta ta' 6.00pm gewwa Hal Far attakka jew ghamel rezistenza bi

vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqisx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skont il-Ligi minn servizz pubbliku u cioe' PC 1241 C Farrugia, PC 626 G Benetti, filwaqt illi kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skont il-Ligi mill-awtorita' kompetenti;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja u ghamel offiza fuq il-persuna ta' PC 1241 C Farrugia, skont ma ccertifika Dr T Mizzi MD Reg 1803 mill-Floriana Health Centre, persuna inkarigat skont il-Ligi minn servizz publiku waqt illi kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz jew bil-hsieb illi jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fuq vettura GVP592 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, naqas mili jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied;

6. U aktar talli nhar is-6 ta' Novembru, 2009, gewwa dawn il-Gzejjer, ikkaguna lil PS 1508 E Lapira biza' li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tieghu;

7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAS801 tal-ghamla Fiat minghajr ma kellu licenzja valida tas-sewqan u minghajr ma l-vettura kellha l-licenzja rinovata;

8. U aktar talli nhar it-13 ta' Novembru, 2009, ghall-habta ta' 7.20pm, gewwa l-Ghassa ta' Birzebbuga, insulenta u hedded lil PS 1602 M Mifsud;

9. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, naqas mili jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija;

10. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied;

11. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAS801 tal-ghamla Fiat minghajr ma kellu licenzja valida tas-sewqan u minghajr ma l-vettura kellha l-licenzja rinovata;

12. U finalment talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, u li l-imputat wiegeb illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri; u kif ukoll illi ma kinx hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Ikkunsidrat il-provi prodotti.

Gew ezebiti tliet stqarrijiet tal-imputat – Dok JZ, Dok JZ1, Dok JZ2, illi gew ikkonfermati wkoll mill-Ispettur Arthur Mercieca fis-sens illi l-imputat kien inghata d-debita twissija.

Xehdet certa Lucienne Formosa, nurse mal-Emergenza, Mater Dei. Tkellmet dwar kaz ta' mara tqila fil-Family Building, l-Open Centre, Hal Safi, illi huma kellhom imorru ghaliha. Kien pulizija li dderiga l-ambulanza lejn bini fejn ipparkjaw. Xehdet li meta nizlu mill-ambulanza sabu ragel li beda jghajjat u jxejjer idejh, u jersaq lejn l-ambulanza. Qalet illi sakemm hi, il-midwife, u d-driver telghu fuq ghax hi riedet tezamina lill-pazjenta, din semghet li baqa' jghajjat. Hi cemplet lill-pulizija. Bdiet tisimghu minn gewwa.

Iddeskriviet lil dan ir-ragel bhala wiehed ohxon (naqra) (folio 108).

Mistoqsija ghaliex hasset illi s-sitwazzjoni ma kinitx safe, wiegbet "……il-mod li beda jagixxi, l-imgieba tieghu …..Il-mod kif beda jersaq lejn l-ambulanza u jxejjer b'idejh, u hekk ………" (folio 109).
Qalet ukoll illi meta kienu hergin bil-pazjenta, bdew jisimghu wkoll l-ghajjat. Telqu.

Mistoqsija ghala semmiet il-frazi "safety" bhala kelma, wiegbet illi meta kienet tohrog fuq call, il-major priority tkun is-safety, rat illi l-behaviour ta' dan ir-ragel kien ta' periklu ghalihom. Qalet ukoll illi x'hin waslu biex jitilqu minn fuq il-post, x'hin harget mill-fond ma rat ebda pulizija, bdiet tisma' biss l-ghajjat u storbju. Ma rat lil hadd. Dahlu fl-ambulanza, ghalqet it-twieqi biex ma jkollhomx problemi. Dahlu minn naha ta' wara tal-ambulanza, ghalhekk ma raw xejn.

Dwar l-ghajjat, qalet illi l-punt li ried jaghmel dan ir-ragel kien illi kienu qed jimblukkawlu t-triq.

Minn naha tieghu Raymond Bartolo, driver tal-ambulanza in kwistjoni, xehed li telghu l-Open Centre, Family Building Hal Far, u li kellu karozza quddiemu. Kif waqaf fuq il-post, dan tal-karozza beda jghajjat mieghu u mal-porter, beda jghajjat biex iressaqlu l-karozza minn nofs. Xehed illi hu resaqlu, dahal 'il gewwa go qisu bicca parapett. Hawn rega' qallu biex isuqlu ghax minn hemm kien ikun irid johrog. Rega' dahhal l-ambulanza go kantuniera. Ma qallu xejn aktar. Dan mar fuq man-nurses u l-midwife. Xehed illi meta rega' hareg, ra lil dan ir-ragel bil-qieghda mal-art, u kellu pulizija mieghu. Xehed illi huma talbu ghall-assistenza tal-pulizija minhabba l-ghajjat ta' dan ir-ragel.

Kien tal-fehma li mill-wisa' tat-triq, zewg karozzi kienu jghaddu.

Elizabeth Muscat, il-midwife, xehdet illi marru jassistu mara fi hlas gewwa d-Detention Centre Birzebbuga. Ikkonfermat li meta waslu kien hemm xi hadd jghajjat u

jirrabja. Nizlet u dahlet gewwa man-nurse. Iddeskriviet li dan kellu reazzjoni ta' rabja kbira hafna, ghajjat u hafna kliem hazin. Meta harget ma ratx pulizija u minhabba t-twieqi maghluqin tal-ambulanza ma semghet xejn.
Ikkonfermat illi l-ambulanza kienet qed tuza d-dawl, cioe' beacon lights.

PS 966 Race Desira xehed dwar telefonata li rcevew minghand nurse li talbet l-ghajnuna gewwa Hal Far Centre. Dan minhabba kif intqal lilhom, persuna ta' statura hoxna li kienet qed tagixxi b'mod aggressiv fil-konfront taghhom, li kienu marru jaghtu l-ghajnuna lil mara tqila.

Qal dan ix-xhud illi hu acceda fuq il-post in kwistjoni. Hemm sab gia' kollegi tieghu tal-Mobile - PC 1241 u PC 626, u ra lill-imputat mal-art jghajjat, jidghi u jhedded lill-pulizija. Kif ghabbewh fil-karozza, xehed illi dan beda jaghti bis-sieq gol-karozza u ddeskrivieh bhala hafna aggressiv tant illi kellhom anke jzommulu saqajh bit-tie clips. Xehed illi Zahra anke ttiehed il-policlinic minhabba li fuqu giet uzata tazer gun. Kellu griehi hfief.

Xehed illi t-tie clips kienu kemm ma' saqajh kif ukoll ma' jdejh, qal illi f'idejh kien immanettjat kif ukoll anke li l-imputat beda jaghti b'rasu u li kien "….litteralment inkontrolabbli." (folio 133).

Qal ukoll illi aktar tard, meta l-imputat kien qed jigi eskortat biex jigi mitkellem mill-Ispettur, dan fil-presenza tax-xhud, beda jhedded lil PC 626 u lil Benetti, li dan kellu joqghod attent ghax kien ser jisparalu f'sidru, talli dan uza t-tazer gun fuqu.

Ezebixxa r-rapport tieghu Dok RD.

Minn naha tieghu PC 1176 Kurt Zahra xehed illi bhala membru tal-Mobile Squad marru jassistu fuq persuna li kien qed jagixxi b'mod aggressiv. Anke dan xehed illi x'hin waslu Joseph Zahra kien gie mmanettjat u bil-qieghda mal-art. Xehed illi dan beda joffendiehom u jagixxi b'mod aggressiv. Heddidhom fis-sens illi kien ser jgholliehom u kliem iehor oxxen fil-konfront tal-Kummissarju. Xehed

ukoll dan li darba li dahhluh fil-karozza (tas-servizz) dan beda jaghti bis-sieq mal-hgieg taghha, tant illi kellhom jaghmlulu t-tie clips ma' saqajh. Fil-karozza l-imputat anke beda jindirizza lil dan ix-xhud u jghidlu li kien …..u jobzoqlu.

Dan gie anke kkonfermat minn PC 233 Adrian Chetcuti dwar il-kliem offensiv, ghajjat u theddid li Zahra ndirizza lejhom. Ikkonferma wkoll ghall-istess raguni l-uzu tat-tie clips. Xehed ukoll dan ix-xhud li fil-konfront tieghu Zahra, anke beda jghidlu li gharfu, li kien jaf lill-familja tieghu u li kien jaf fejn joqghod.

PC 626 Giancarlo Benetti xehed minn naha tieghu li flimkien ma' kollega tieghu marru fuq call koncernanti l-Open Centre. Gie kienu jafu skondtu li dan l-incident kien vicin ir-residenza ta' Joseph Zahra. Huma u dehlin bil-vettura innota lil Zahra miexi lejn l-ambulanza li kienet qed taghti assistenza hdejn il-bini tal-klandestini. Ghajtulu l-pulizija b'ismu, u dan – skont ix-xhud, mill-ewwel sar aggressiv u beda jghidilhom "Halluni bi kwieti!" Innutaw li kellu xi oggett f'idu l-leminija li ddeskriva bhala kaxxa. Qal pero li ma setghux jidenfitikaw l-oggett ghax kien id-dlam. Xehed dan illi beda jghajjat lill-imputat, pero dan ma tahx widen. Xehed illi beda jghidlu biex jieqaf. Tawh struzzjonijiet biex inehhi l-affarijiet minn idu, b'dan illi bdew jersqu aktar vicin l-imputat. Innota aktar kemm resqu vicin, illi kellu anke l-ponn maghluq, pero ma setax jidentifika jekk f'din l-id, issa kellux xi haga wkoll. Xehed ukoll illi qabel ma telqu mill-ghassa, il-kollega tieghu gia' kien moghti struzzjonijiet mill-Ispettur Carlos Cordina - allura awtorizzat, illi jiehu mieghu t-tazer gun, dan ghax gieli skondtu kellhom rapporti simili dwar l-imputat. Xehed ukoll illi darba li waslu hdejh, hu qabdu minn spalltu, l-imputat beda jissara, jghid kliem "Halluni!" u kliem hazin u oxxen. Qal ix-xhud illi pprova jrossu mal-hajt ghax beda juri aggressivita' lejh. S'hawn jghid ix-xhud illi baqa' jghidlu biex inehhi l-affarijiet minn idejh. Xehed illi hin minnhom, l-imputat "……ikkarga idu li kellu l-kaxxa fiha, u kif ser idawwarha lejh, il-kollega tieghu qallu "Warrab! Warrab!", u nisma' tfaqqiegha tat-tazer, nizziltu mal-art u minn hemm beda l-arrest." (folio 148). Kien hawn xehed Desira,

kif l-imputat kien mal-art, li rema l-kaxxa u giet taht cint fejn ikun hemm il-klandestini. Hawn l-imputat, skont ix-xhud, tefa' jdejh taht sidru, baqa' jzomm idejh maghluqa ponn, issa taht sidru. Baqa' skondtu jirrezistiehom. Tah warning illi ser juza l-pepper spray, ghal darbtejn tlieta, pero dan baqa' jirrezisti u baqa' jonqos li jobdi l-ordnijiet – sprejjalu l-pepper spray u l-imputat sar aktar aggressiv, tant illi l-kollega tieghu kellu jerga' juza t-tazer gun. Xehed illi dan baqa' joffendiehom u jheddidhom. Mat-tieni uzu tat-tazer gun, jghid dan illi qisu rrilassa u hawn immannettjawh. Baqa' jheddidhom li kien ser jghollihom ma' hajt. Meta dahhluh fil-vettura tas-Servizz, anke beda jaghtieha bis-sieq.

PC 1241 Christopher Farrugia minn naha tieghu, ikkonferma li flimkien max-xhud precedenti huwa acceda l-Open Centre tan-nisa ta' Hal Far, minhabba telefonata li saret minn crew tal-ambulanza. Qal ukoll illi l-Ispettur Carlos Cardina awtorizzahom jiehdu maghhom it-tazer gun. Meta waslu fuq il-post in kwistjoni, sabu lil Zahra miexi lejn id-direzzjoni tal-ambulanza. Jghid illi meta …jieqaf, dan sar aggressiv lejhom. Qal ukoll illi f'idejh il-leminija kellu kaxxa griza, ghalih qisha nofs briksa, u f'idu x-xellugija kellu xi haga gol-ponn li m'gharafx x'kienet. Qal illi nonstante li PC 626 beda jghidlu biex jieqaf, dan ma tax kashom, baqa' miexi lejn il-crew. Qal dan ix-xhud, stante li ma tax kashom u baqa' miexi lejn il-crew bl-affarijiet li kellu f'idu, dan hareg it-tazer, tah warning biex jieqaf u jarmi l-affarijiet li kellu f'idu, inkella kien ser juza t-tazer gun. Meta ra li dan ma obdix, waqt illi PC 626 beda jissara mieghu u li Zahra anke dar bis-sahha bil-kaxxa li kellu f'idu, u kien anke ser ixejjer bil-kaxxa, dan uza fuqu t-tazer. Kien hawn illi Desira nizzel lil Zahra mal-art, pero skont dan ix-xhud baqa' jzomm l-oggett f'idu, anke xehed illi Zahra tefa' idejh taht sidru u ma ridx johroghom. Qal dan ix-xhud illi Zahra tant issara li anke l-qalziet nizillu sal-irkoppa. Qal anke li PC 626 uza fuqu l-pepper spray. Anke hawn, skont ix-xhud, xorta baqa' jirrezistiehom u jdur ghalihom, tant illi dan ix-xhud spjega li rega' kellu juza t-tazer gun. Kien hawn illi hargulu l-oggett minn idu li kien kaxxa li kien fiha d-deheb go fiha. Immanettjawh. Mistoqsi x'sar mill-kaxxa bid-deheb, wiegeb illi ma kinx jaf.

Fuq dan l-incident Dr Tania Mizzi, xehdet illi hi kienet ezaminat lil Christopher Farrugia u sabet illi kellu griehi ta' natura hafifa.

Minn naha tieghu, Victor Sciberras xehed illi fuq assistenza li kienu qed jaghtu ma' ambulanza flimkien ma' midwife telghu Hal Far, hemm sabu zewg pulizija li ghamlulhom sinjal biex jibqghu dehlin go residenza tar-refugjati. Qabilhom dahlet Fiat Punto hadra. Dan ta' din il-karozza, cioe' l-imputat, nizel ghalihom biex jergghu johorgu lura. Qal illi ma setghux ghax kien hemm mara li kien ser ikollha baby. Qal illi dan dar minn wara l-ambulanza u beda jghajjat, tkellem anke hazin.

Anke PS 1508 Noel Lapira xehed fuq dan l-incident. Dan qal illi kien duty l-Open Centre ta' Hal Far. PC 591 Jean Fred Grixti kkonferma li x'hin wara l-incident man-nies tal-ambulanza, dahhlu lill-imputat – issa mrazzan, gol-vettura tal-pulizija, dan ikkaguna xi hsarat fil-vettura u anke kien aggressiv.

PS 1508 Noel Lapira xehed illi wara li hargu mill-Open Centre ta' Hal Far, minn fejn allura kien detailed, ra lill-imputat isegwieh, kif gie nfurmat minn wiehed minn shabu. Zied illi kkonkluda li fil-fatt Zahra kien qieghed isegwieh ghax skondtu kellu diversi opportunitajiet jaqbzu. Qal li baqa' warajh sal-Belt. Qal illi hu wasal ghal din il-konkluzjoni ghax granet qabel kien irrapporta lill-imputat fuq storbju u ghajjat. Insista li kellu fit-triq diversi opportunitajiet l-imputat biex ma jibqax isegwieh, pero xorta baqa' warajh.

PS 1215 Kenneth Brignano xehed dwar ir-rapport illi rcieva fuq dan l-allegat insegwiment.

PC 48 Jesmond Desira wkoll qal illi ra lil Zahra jsuq wara s-Surgent.

PS 1602 Mario Mifsud xehed illi fit-13 ta' Novembru, 2009, wara li kien avza lill-imputat dwar diversi rapporti li saru fil-konfront tieghu minhabba sewqan bla licenzja, dan kien

infexx jidghi. Rah hiereg minn gol-ghassa u jsuq karozza Fiat Punto HAS801. Qal illi aktar tard dan l-imputat kien cempel l-ghassa u meta kellmu qallu li kien imqabbad mieghu, u li kien ser ipattihielu. Anke offendieh bil-familja, dan nonostante li skont dan ix-xhud anke kellu garanzija ta’ €1,000 imposta fuqu biex ma jkellmux. Prezenta rapport Dok MM a folio 197 fir-rigward ta’ dan l-incident.
Dan l-incident tas-sewqan u dagha fl-ghassa, gie anke kkonfermat minn PC 1246 Cecil St John.

Rat ukoll is-sentenzi ezebiti fil-konfront tar-recidiva a folio 208 – 334.

L-imputat ghazel illi jixhed minn jeddu. Ikkonferma li hdejn id-dar tieghu Hal Far kien hemm l-Open Centre. Qal illi ghamel pjacir u ha lil wiehed icempel ghal ambulanza. Zied illi f’idu ma kellu xejn. Kien qieghed igorr borma tal-plastic tal-gelat u li l-borma kien fiha erba’ ghaginiet. Qal illi kien qieghed isuq wiehed iswed, biex jekk jinqalaghlu ncident ma jinqabadx isuq hu. Qal illi x’hin kienu waslu fit-triq tieghu biex jidhol id-dar, ra hemm pulizija fuq l-ghatba u ambulanza gejja.

Qal illi jaf li hu ghandu jcedilha lil ambulanza. Qal illi meta dahlet l-ambulanza kien hemm kelba li bdiet tinbah u hu beda jghajjat maghha. Kellu anke basket bil-hwejjeg li kienet gabitlu ohtu. Qal illi hu kull ma qal lil tal-ambulanza biss biex jerga’ naqra lura ghax ried johrog ma’ Ibrahim li kien qieghed isuqlu, dan ghax l-ambulanza skondtu tqieghdet immejla u hu ma kinx jista’ johrog biha. Qal illi hu lil tal-ambulanza kellmu bl-edukazzjoni u kien dan li beda jghajjat mieghu.

Qal illi waqt li kellu l-borma tal-plastic f’idu, ra karozza tal-pulizija. Din rassitu mal-hajt. Qal illi kien qieghed isuq Benetti, nizel jigri ghalih, staqsieh x’kellu f’idu. Tah daqqa ta’ sieq fuq il-qazba ta’ saqajh. Waqa’ skondtu wiccu ‘l quddiem. Il-pulizija l-iehor skondtu wkoll qabad jaghtieh bil-ponn. Tah ukoll tliet tiri go zaqqu. Qal illi mmanettjawh u marru fuq il-post tliet karozzi tal-pulizija u xi sittin pulizija. Qal ukoll illi kif kien immanettjat anke minn

saqajh, ma setax jaghmel hsara lill-vettura. Ikkonferma li spicca bil-qalziet ta’ taht.
Qal ukoll illi meta l-pulizija talbuh inehhi l-oggetti minn idu, huma kienu tajrulu l-borma wara cint, precizament qal li tajjarhielu min beda jaghtieh.

Zied illi hu lill-ambulanza m’ghamlilha xejn, la mbuttaha, u li kull ma ried kien illi jirriverjsa naqra biex ikun jista’ johrog ‘il barra.

Spjega li spicca bil-qalziet ta’ taht ghax Benetti beda jigbdu mill-qalziet sakemm qasamhulu.

Qal illi fit-13 ta’ Novembru, vera kien mar l-ghassa bil-hsieb illi jwissi lil ibnu ghax kienu ggieldu, kellem lil Surgent talli kien ghadu ma ressaqx lil ibnu l-Qorti. Qal illi minn hemm hareg irrabjat.

Innega li hu kien qieghed isuq il-Fiat Punto. Innega li fl-ghassa kien irrabjat ghas-Surgent. Qal illi kien irrabjat ukoll ghal ibnu.

Zied illi ghalkemm hu seta’ uza l-kliem li jpattieha lill-pulizija, dan fil-fatt qatt ma kien gralu xejn.

Ezebixxa wkoll certifikati tal-griehi hfief ikkagunati mit-tazer gun illi ntuzat fuqu, u l-Prosekuzzjoni accettat bhala fatt il-kontenut taghhom, folio 265.

PC 1277 Herman Spiteri kkonferma li wkoll meta waslet l-ambulanza fuq il-post, l-imputat beda jkellmu hazin ghax ipprova jfehmu l-urgenza tal-kaz. Qal illi wara li telaq minn fuq il-post beda jisma’ l-ghajjat. Meta rritorna sab lill-imputat mal-art, u l-pulizija jippruvaw jimmanettjawh.

Ikkonferma li fuq Zahra ntuza t-tazer gun. Ikkonferma li Zahra kellimhom hazin, u offendiehom. Ikkonferma li Zahra rrezista l-arrest.

PS 1312 Adrian Sultana kkonferma li Zahra gieli rregistra mieghu lmenti dwar il-fatt illi l-isqaq kien ikun maghluq b’xi vetturi, pero qal ukoll illi dan ma kinx sqaq privat.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tibda biex tillibera lill-imputat mill-akkuzi fil-konfront ta' PS 1508 Lapira. Filwaqt illi l-Qorti m'ghandhix problemi temmen dak li qal Lapira, cioe' li l-imputat kien warajh, xorta dan wahdu ma jippruvax illi kien qieghed jikkaguna versu dan is-Surgent biza' li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tieghu – ghalhekk qed tilliberah mis-sitt akkuza.

Illi fir-rigward tal-akkuzi rigwardanti l-incident tal-ambulanza ssib lill-imputat hati ta' kull akkuza kkoncernata. Ingabu bizzejjed provi dwar il-mod kif agixxa l-imputat, meta ambulanza dahlet biex tassisti mara li kienet qed twelled. Ghalkemm dan xehed illi huwa kellu rispett lejn nies tal-ambulanza u x-xoghol li dawn jaghmlu, pero dan certament ma wrihx b'azzjonietu. Dan fil-fatt qala' pandemonju ghaliex dehrlu li l-ambulanza ma kellhix tidhol fl-isqaq – li del resto mhux tieghu, tant illi anke mar jahbat ghall-haddiema tal-ambulanza. Terga' u tghid, lanqas ma waqaf mill-attitudni aggressiva tieghu meta gew il-pulizija, u mitlub inizzel minn idu dak l-oggett li hu jiddeskrivi bhala borma tal-plastic bl-ghagin, u jghid anke li kellu xi hwejjeg, dan l-ewwel m'ghamel xejn minn dan kollu, mbaghad jghid illi rema kollox. Jghid illi l-pulizija kwazi attakkawh ghalxejn. Minn naha tal-pulizija dawn xehdu li tant kien aggressiv lejhom illi anke kellhom jimmanettjawh, anke minn saqajh, biex ma jaghmilx aktar hsara lill-vettura tal-pulizija. Illi jirrizulta ghalhekk illi hu hebb kemm ghall-pulizija Farrugia u Benetti, u anke kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq Farrugia. Jirrizulta wkoll illi hu ghamel xi hsara mal-bieba tal-vettura tal-pulizija, li ma obdix l-ordnijiet tal-pulizija u li kiser il-bon ordni b'ghajjat, u paci pubblika – dan fil-konfront tal-ewwel hames akkuzi u s-seba' akkuza, u dan wara li rat l-Artikoli 95, 96, 325, 338, 339 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Issibu hati fuq it-tmien akkuza fir-rigward tal-akkuzi ta' tghajjir ta' PS 1602 Mifsud, u dan wara li rat l-Artikoli 96 u 95 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issibu hati wkoll tas-seba’ akkuza dwar sewqan bla licenzja u dan wara li rat ix-xhieda taz-zewg pulizija fir-rigward; kif ukoll l-ammissjoni dwar l-istess fl-istqarrija tal-imputat a folio 102, u dan wara li rat l-Artikoli 15 u 18 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Rat ukoll is-sentenzi ezebiti u ghalhekk issibu hati tat-12-il akkuza tar-recidiva wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Tilliberah mid-9, l-10, u l-11-il akkuza, in kwantu ripetuti.

Dwar il-piena, rat l-Artikolu 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Rat il-fedina penali tal-imputat, mera ovvja li hu ghandu problema kbira fil-konfront tal-awtoritajiet, wahda persistenti. Tista’ tghid illi hu ma jitghallem qatt, dan rifless ukoll minn kif gab ruhu fis-seduti u kemm-il darba kellha twiddbu din il-Qorti kif preseduta.
Tqis illi l-piena idonea hija dik karcerjarja ghal zmien 8 xhur.

Tiskwalifikah milli jkolli licenzja tas-sewqan ghal zmien sena (1), u dan wara li jkun skonta l-piena karcerarji kollha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------